



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-13/15

**Proċeduri kriminali
kontra
Cdiscount SA**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation, (Franza)]

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Direttiva 2005/29/KE — Protezzjoni tal-konsumaturi — Prattiki kummerċjali żleali — Tnaqqis fil-prezzijiet — Immarkar jew espożizzjoni tal-prezz ta’ referenza”

Sommarju – Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-8 ta’ Settembru 2015

1. *Domandi preliminari — Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja — Interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali — Esklużjoni*

(Artikolu 267 TFUE)

2. *Protezzjoni tal-konsumaturi — Prattiki kummerċjali żleali tal-impriżi fil-konfront tal-konsumaturi — Direttiva 2005/29 — Kamp ta’ applikazzjoni — Tnaqqis fil-prezzijiet li għandu l-għan li jinkoraġġixxi lill-konsumaturi jixtru prodotti fuq sit ta’ bejgħ bl-internet — Inklużjoni*

(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2005/29, Artikolu 2(d))

3. *Protezzjoni tal-konsumaturi — Prattiki kummerċjali żleali tal-impriżi fil-konfront tal-konsumaturi — Direttiva 2005/29 — Prattika kummerċjali żleali — Kunċett — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi projbizzjoni ġenerali ta’ avviżi ta’ tnaqqis fil-prezzijiet li ma jurux il-prezz ta’ referenza — Assenza ta’ eżami ta’ kull każ individwali tan-natura żleali tal-imsemmija avviżi — Inammissibbiltà*

(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2005/29)

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 28, 29)

2. It-tnaqqis fil-prezzijiet li l-għan tiegħu huwa li jinkoraġġixxi lill-konsumaturi jixtru prodotti fuq sit ta’ bejgħ bl-internet jikkostitwixxi prattika kummerċjali fis-sens tal-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 2005/29, dwar prattiki kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern u konsegwentement jaq’ fil-kamp ta’ applikazzjoni *ratione materiae* tagħha.

Fil-fatt, tali tnaqqis jaqa' b'mod ċar fil-kuntest tal-istrateġija kummerċjali ta' operatur u jikkonċerna direttament il-promozzjoni u l-bejgħ ta' dawn il-prodotti.

(ara l-punt 32)

3. Id-Direttiva 2005/29, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern, għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi dispożizzjonijiet nazżjonali li jipprevedu projbizzjoni ġenerali, mingħajr ma ssir evalwazzjoni ta' kull każ individwali li jippermetti li tiġi stabbilita n-natura żleali, tal-avviżi ta' tnaqqis fil-prezzijiet li ma jurux il-prezz ta' referenza waqt l-immarkar jew l-espożizzjoni tal-prezzijiet, sakemm dawn id-dispożizzjonijiet għandhom għanijiet marbuta mal-protezzjoni tal-konsumaturi, u dan huwa l-obbligu tal-qorti tar-rinviju li tevalwah.

F'dan ir-rigward, peress li d-Direttiva 2005/29 tagħmel armonizzazzjoni kompleta tar-regoli dwar il-prattiki kummerċjali żleali tal-impriżi fir-rigward tal-konsumaturi, l-Istati Membri ma jistgħux jadottaw, kif jipprovdi espressament l-Artikolu 4 tagħha, miżuri iktar restrittivi minn dawk iddefiniti mill-imsemmija direttiva, u dan lanqas sabiex jiżguraw livell oġġla ta' protezzjoni tal-konsumaturi.

L-istess direttiva tistabbilixxi, fl-Anness I tagħha, lista eżawrjenti ta' 31 Prattika kummerċjali li, skont l-Artikolu 5(5) ta' din id-direttiva, jitqiesu li huma żleali f'kull ċirkustanza. Għaldaqstant, kif tippreċiża espressament il-premessa 17 tad-direttiva msemmija, huma biss dawn il-prattiki kummerċjali li jistgħu jitqiesu li huma żleali mingħajr ma jkunu s-suġġett ta' evalwazzjoni f'kull każ individwali skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5 sa 9 tad-Direttiva dwar il-prattiki kummerċjali żleali.

Issa, prattiki li jikkonsistu fit-tħabbir lill-konsumaturi ta' tnaqqis fil-prezzijiet li ma jurix il-prezz ta' referenza waqt l-immarkar jew l-espożizzjoni tal-prezzijiet ma humiex inklużi fl-Anness I tad-direttiva. Għaldaqstant, huma ma jistgħux ikunu pprojbiti f'kull ċirkustanza iżda jistgħu jiġu pprojbiti biss wara analiżi speċifika li tippermetti li tiġi stabbilita n-natura żleali tagħhom.

(ara l-punti 34, 38, 39, 41 u d-dispożittiv)